

31996D0640

15.11.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 292/27

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tat-28 ta' Ottubru 1996****dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-għamla ta' Bdil ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu li timmodifika l-arranġamenti għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ross li joriġina minn u li ġej mill-Eġittu**

(96/640/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 in konnessjoni ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Artikolu 19 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-repubblika Għarbija ta' l-Eġittu <sup>(1)</sup> jipprovdi għal tnaqqis fil-levy fuq l-importazzjoni fil-Komunità ta' ross li joriġina minn u li ġej minn dak il-pajjiż fil-limiti ta' kwanità annwali ta' 32 000 tonnellata u bil-kondizzjoni li l-levy ta' l-esportazzjoni tkun miġbura; billi l-Ftehim jipprovdi li l-Komunità tista' timmodifika dawn il-ftehim, billi jiġu kkunsidrati l-interessi ta' l-Eġittu, fl-eventwalità ta' kwalunkwe tibdil fir-regoli tiegħu;

Billi l-Komunità, fil-Ftehim tar-Rawnd tal-Urugwaj dwar l-agrikoltura, obbligat ruħha li tissostitwixxi l-levies mad-dazji doganali; billi dan jeħtieġ tibdil tal-Ftehim ma' l-Eġittu;

Billi l-Komunità għal dak il-għan innegozjat mar-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu Ftehim fil-għamla ta'

Bdil ta' Ittri li jimmodifikaw l-arranġamenti in kwistjoni;

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*L-Artikolu 1*

Il-Ftehim fil-għamla ta' Bdil ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu li jimmodifika l-arranġamenti għall-importazzjoni ta' ross fil-Komunità li joriġina minn u li ġej mill-Eġittu huwa hawnhekk approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 266, tas-27.9.1978, p. 1.

*L-Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa hawnekk awtorizzat li jinnomina persuna li jkollha l-poter tiffirma l-Ftehim sabiex torbot lill-Komunità <sup>(1)</sup>.

*L-Artikolu 3*

Id-dispożizzjonijiet li jimplimentaw il-Ftehim, inklużi kwalunkwe miżuri ta' sorveljanza, għandhom jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27 tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76 <sup>(2)</sup>.

Fejn l-applikazzjoni tal-Ftehim teħtieġ il-koperazzjoni mill-qrib mar-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu, il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tassigura dik il-koperazzjoni.

Magħmul ġewwa l-Lussemburgu, fit-28 ta' Ottubru 1996.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. SPRING

---

<sup>(1)</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1418/76 tal-21 ta' Ġunju 1976 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross (ĠU L 166, tal-25.6.1976, p. 1). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KEE) Nru 3072/95 (ĠU L 329, tat-30.12.1995, p. 18).